MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1111/2002/1

**Ma.Re.Si Shipping Limited**

**Vs**

**Malta Maritime Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm388.60) hlas ta' danni sofferti mis-socjeta attrici peress li l-Awtorita konvenuta naqset mid-dmir taghha skond il-lig li tipprovdi servizz ta' pilutagg fil-5 ta' Settembru 2001.

Ra r-risposta tal-Awtorita konvenuta li permezz taghha eccepiet li s-servizz ta' pilutagg inghata u li ma kellha tahti xejn jekk is-socjeta attrici sofriet xi danni.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsdira:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Skond l-Att dwar l-Awtorita Marittima [Kap. 352] l-Awtorita Marittima tipprovdi servizz ta' pilutagg. Dan l-Att jipprovdi li bastimenti li jkunu qeghdin jinnavigaw, sew jidhlu, ihallu jew jimxu fil-limiti ta' port ta' pilutagg obbligatorju [kif inhu l-Port il-Kbir] iridu ikunu taht il-pilotagg ta' bdott.

(b) Illi s-socjeta attrici hija s-sid tal-vapur MV Island Seaway;

(c) Fil-5 ta' Settembru 2001 dan il-vapur wasal Malta. Sabiex ikun jista' jidhol fil-port ikun hemm bzonn is-servizz tal-pilutagg;

(d) Dakinhar il-piloti kienu qeghdin jirrifjutaw li jitilqu minn Valletta Fairway Buoy, u dan minhabba azzjoni industrijali bejn il-bdoti u l-irmiggaturi. Fil-fatt il-Union Haddiema Maghqudin harget direttiva *"lill-piloti marittimi biex ma jaghmlux uzu mill-Pilot Boat tal-Port il-Kbir sakemm jinghata avviz iehor"* [fol. 36]. Fil-kwistjoni spiccat dahlet ukoll il-General Workers Union;

(e) Ghalhekk il-vapur kien kostrett jipprocedi ghal Marsaxlokk minn fejn jimbarka l-bdot [minn fuq il-*pilot launch*] u wara l-vapur jipprocedi ghall-gewwa l-Port il-Kbir. Dan fisser iktar spejjez inkorsi mis-socjeta attrici;

(f) Bhala pilot launch hemm wahda li topera minn gewwa Port il-Kbir [li hija ta' l-Awtorita] u ohra li topera minn Marsaxlokk [kuntrattur privat];

(g) Sabiex seta' jinghata dan is-servizz mill-Awtorita Marittima kellu jitqabbad kuntrattur privat. Dan fisser iktar spejjez minn tas-soltu;

(h) Hlas qieghed jintalab ghas-segwenti granet:- 5 ta' Settembru 2002 u 7 ta' Settembru 2002 [ara xhieda ta' Adrian Mifsud moghtija fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2002 (fol. 17) u prospett tad-danni reklamati a fol. 20 tal-process];

(i) B'ittra [datata 23 ta' Novembru 2001] mibghuta mis-socjeta attrici lill-Awtorita konvenuta, saret talba ghall-ispejjez zejda li kellha tinkorri minhabba li s-servizz ta' pilutagg minn gewwa l-Port l-Kbir kien gie sospiz. Min-naha taghha l-Awtorita wiegbet permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru 2001 fejn stqarret:- *"you are certainly aware that during the period under reference there was registered an industrial dispute between the Pilotage and Mooring Corps and the Malta Maritime Authority. The measures taken were by way of minimising disruptions in the operations of the port"* [fol. 43].

(ii) Skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-Awtorita Marittima huwa dmir ta' l-Awtorita Marittima:- *"li tipprovdi jew tizgura l-provdiment ta' servizzi ta' pilutagg u rmigg lill-bastimenti"*. Effettivament l-Awtorita pprovdiet servizz ta' pilutagg pero' mhux minn gewwa l-Port l-Kbir, ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Dan kien fisser iktar spejjez ghas-socjeta attrici. Ma jistax ma jinghadx pero' li dan kien mehtieg minhabba l-azzjoni industrijali li ttiehdet mill-bdoti, azzjoni li l-Awtorita ma kellha l-ebda htija ghalija. Dan kien kaz ta' emergenza u l-Awtorita kienet kostretta tfittex is-servizzi tal-kuntrattur privat li jopera minn gewwa Marsaxlokk u b'hekk jibqa' jinghata s-servizz ta' pilutagg. F'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta attrici ma tistax tippretendi li ghandha xi jedd li titlob ir-rimbors minghand l-Awtorita Marittima l-ispejjez li ghamlet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita konvenuta.

Spejjez huma ghak-karigu tas-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------